MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 850/1993/1

**Nazzareno Zammit f'ismu proprio u bhala legittimu rapprezentanti ta' bintu minuri Doreen Zammit; Maria mart l-istess**
**Nazzareno Zammit; Michael Zammit u Mary mart Raymond Borg u l-istess Raymond Borg fil-kwalita` tieghu ta' kap tal-komunjoni**
**tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu u b'digriet tad-9 ta' Novembru 2007 stante l-mewt ta'**
**Nazzareno Zammit fil-mori tal-kawza, il-gudizzju kwantu jirrigwarda lill-istess Nazzareno Zammit gie trasfuz fil-persuni ta'**
**Maria Zammit nee` Saliba mart il-mejjet Nazzareno Zammit,**

**Doreen, Michael u Mary mart Raymond Borg, ilkoll ahwa Zammit.**

**v.**

**Joseph Zahra, Saviour Zammit u Alfred Pace**

**Il-Qorti:**

**I** **Is-Sentenza Appellata**

1. It-tliet konvenuti appellaw separatament mis-segwenti sentenza li kkundannathom ihallsu solidalment bejniethom lill-atturi s-somma ta' wiehed u sittin elf, tmien mija u hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm61,875) illum ekwivalenti ghas-somma ta' mija u erbgha u erbghin elf, u mija u tletin Euro (€144,130) – bl-imghaxijiet u l-ispejjez, u dan bhala rizarciment tad-danni li sofrew l-istess atturi, bhala eredi ta' Carmelo sive Charles Zammit, li miet b'xokk elettriku fid-29 ta' Lulju 1988 waqt li huwa kien qieghed jahdem f'barriera.

2. Is-sentenza appellata, li sabet lill-konvenuti responsabbli ghall-mewt tal-imsemmi Carmelo sive Charles Zammit, inghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Jannar 2005. Din is-sentenza sejra tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fid-19 ta' Lulju, 1993, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

"L-atturi huma eredi tal-mejjet Carmelo sive Charles Zammit li miet tragikament fid-29 ta' Lulju, 1988 waqt li huwa kien qed jahdem fil-barriera Ta' Kandja limiti tas-Siggiewi, proprjeta` tal-konvenut Joseph Zahra.

"Il-mewt tal-imsemmi Carmelo sive Charles Zammit grat minhabba negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tal-Enemalta kif stabbiliti mill-ligi *da parti* tal-konvenuti kollha u *cioe`* ta' sid il-barriera, tal-*foreman* tal-

Enemalta kif ukoll tal-*electrician* li hadem id-dawl fil-barriera.

“L-atturi hlief ghal Raymond Borg wirtu lill-imsemmi Carmelo sive Charles Zammit ghal kwint indiviz kull wiehed.

“Huma minhabba l-mewt tal-imsemmi Carmelo sive Charles Zammit soffrew danni li ghandhom jigu kkalkolati wkoll fuq telf ta’ qligh li l-imsemmi Carmelo sive Charles Zammit seta’ jaghmel tul hajtu.
“L-imsemmi Carmelo Zammit kellu 23 sena u paga ta’ Lm32 fil-gimgha, fil-gurnata tal-mewt tieghu.

“L-atturi b’ittra ufficcjali tal-15 ta’ Lulju, 1993 interpellaw lill-konvenuti jersqu ghal likwidazzjoni tad-danni minnhom sofferti *pero’* baqghu inadempjenti.

“Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“(1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi bil-mewt ta’ Carmelo sive Charles Zammit li miet fid-29 ta’ Lulju, 1988 u dan b’mod tragiku waqt li huwa kien qed jahdem fil-barriera Ta’ Kandja limiti tas-Siggiewi.

“(2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, rizultanti mill-mewt tragika ta’ Carmelo sive Charles Zammit li miet fid-29 ta’ Lulju, 1988 li jigi bin u hu l-atturi rispettivament.

“(3) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi dik is-somma hekk likwidata *oltre* l-imghax legali minhabba l-mewt tragika ta’ Carmelo sive Charles Zammit minhabba tort, negligenza u imperizja *da parti* taghhom.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-15 ta’ Lulju, 1993, tal-mandat ta’ sekwestru numru 1550/93 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Alfred Pace li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Fl-ewwel lok l-azzjoni ittenta hija preskritta *ai termini* ta’ l-artikolu 2153 ghalhekk huwa ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju;

“2. Fi kwalunkwe kaz il-mewt ta’ Carmelo sive Charles Zammit ma okkorrietx bi htija u r-responsabbilita` *da parti* ta’ l-eccipjent;

“3. Fi kwalunkwe kaz biex l-atturi jkunu intitolati ghad-danni jridu jippruvaw (a) li soffrewhom u (b) li huma dipendenti tal-mejjet Charles Zammit;

“4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Joseph Zahra li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Fl-ewwel lok l-incident *in kwistjoni* ma garax b’ebda tort tal-konvenut li huwa biss il-proprjetarju tal-barriera fejn sfortunatament tilef hajtu Charles Zammit. Illi l-esponenti m’ghamel xejn u ma naqas li jaghmel xejn li b’rizultat tieghu giet kawzata il-mewt tal-istess Zammit.

“2. Sussidarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici *in kwantu* huma diretti kontra l-konvenut ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi l-esponent ma kien b’ebda mod traskurat, negligenti jew qatt hadem minghajr tharis tar-regolamenti dwar il-protezzjoni tas-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol.

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Saviour Zammit li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. L-azzjoni hija preskritta bid-dekors tas-sentejn skond l-art 2153 Kodici Civili.

"2. Id-danni morali (li jissemmew fid-dikjarazzjoni) mhux previsti mil-ligi, u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

"3. L-atturi mhux dipendenti tal-mejjet u ghalhekk ma sofrewx danni.

"4. Fil-meritu l-esponenti m'ghamel xejn kontra l-arti u s-sengha jew bi traskuragni li jassoggettah ghall-azzjoni odjerna.

"Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

"Ikkunsidrat;

"Illi Carmelo sive Charles Zammit, guvni ta' 23 sena, kien beda jahdem fil-barriera ta' Joseph Zahra, gewwa Ta' Kandja, limiti tas-Siggiewi. Fil-fatt, dan il-guvni ma kienx ilu wisq li beda jahdem fil-barriera, u dan peress li qabel kien jahdem billi jghin lill-missieru fil-*farm* li dan kellu gewwa l-Mqabba. Il-kurrent ta' l-elettriku fil-barriera kienet, ghal-ewwel, ipprovduta b'zewg *diesel-electric generators* li kienu installati fil-barriera. Fis-16 ta' Novembru, 1987, Joseph Zahra, sid il-barriera, applika mal-Enemalta ghall-provvista ta' *3-phase supply* elettriku. Fuq l-applikazzjoni, *oltre* l-firma ta' Zahra bhala sid, kien hemm dik ukoll ta' Edmund Mifsud, li hu *electrician* kwalifikat, bhala l-kuntrattur tal-elettriku. Dan Edmund Mifsud kien iffirma l-applikazzjoni bil-kondizzjoni li x-xoghol tal-istallazzjoni elettrika *in kwistjoni* kellu jigi ezegwit minnu, kemm-il darba l-Enemalta tilqa' l-applikazzjoni li kien ressaq sid il-barriera. Ghalkemm sid il-barriera kien accetta dik il-kondizzjoni, is-sid, fil-fatt, ma qabbadx lill-imsemmi Edmund Mifsud biex jaghmel ix-xoghol relattiv. Fil-fatt gie stabbilit illi x-xoghol tal-istallazzjoni elettrika konness mas-servizz tal-provvista tal-elettriku tal-Enemalta, kompriz il-*cable* ta' bejn il-*meter panel* u l-*main switch* (maghruf bhala *tails*), il-*main switch* innifsu kif ukoll il-*cable* bejn il-*main switch* u l-kamra tal-*generators*, ma giex ezegwit minn Edmund Mifsud, izda

minn certu Alfred Pace, inkarigat minn sid il-barriera biex jaghmel ix-xoghol mehtieg. Dan Alfred Pace, kif anke jammetti hu stess, m'ghandux kwalifiki jew licenzja tal-Enemalta mehtiega biex jaghmilha ta' *electrician*; hu ghandu biss *"il-prattika tax-xoghol"*. Irrizulta, fil-fatt, li Edmund Mifsud ma kien ghamel ebda xoghol tal-elettriku fil-barriera *in kwistjoni* bejn id-data li iffirma l-applikazzjoni u d-data li fih sehh l-incident meritu ta' din il-kawza.

"Wara li x-xoghol tal-istallazzjoni elettrika assocjat mas-servizz tal-provvista ta' l-elettriku tal-Enemalta kien tlesta minn Alfred Pace, il-*foreman* tad-distrett, Joseph Cassar, ha hsieb biex is-servizz tal-provvista ta' l-elettriku jigi mqabbad u ppreparat, sabiex wara li l-istallazzjoni tal-konsumatur tigi ittestjata u iccertifikata minn haddiema tat-*Testing Section*, l-istallazzjoni tal-barriera tkun tista' tigi *energized*. It-*terminals* tal-*cable tails* ta' gewwa l-*main switch* li jappartjeni lil Joseph Zahra kienu saru wkoll minn Alfred Pace.

"Dakinhar tal-incident, ix-xoghol tal-qtugh tal-gebel fil-barriera beda ghal habta tal-4.00am. Ghal-ewwel il-provvista tal-elettriku illi permezz taghha joperaw il-muturi elettrici li jhaddmu l-magni li jaqtghu l-gebel kienet qed tigi pprovduta miz-zewg *generators* li kien hemm fil-barriera. Fost il-haddiema li kienu qed jahdmu b'dawn il-magni kien hemm Carmelo sive Charles Zammit. Sa xi l-11.30am u qabel mal-provvista ta' l-elettriku fil-barriera inqalbet minn fuq il-*generator* ghal fuq il-provvista tal-elettriku tal-Enemalta mehuda mis-*substations* ta' Ta' Kandja, il-magni tal-gebel thaddmu minghajr ebda sinjal ta' *"shocking"* jew inkwiet iehor. Dak inhar stess filghodu, l-installazzjoni ta' l-elettriku fil-barriera kienet giet iccekkjata minn Saviour Zammit, ufficcjal mal-Enemalta. Dan kien gie infurmat mill-imsemmi Joseph Cassar, li kien wasal id-dawl fil-barriera *in kwistjoni*, u talbu jmur jaghmel it-testijiet mehtiega qabel ma jiftah is-*supply*. Is-Sur Zammit ittestja l-istallazzjoni u l-makkinarju u sab li dawn kienu skond ir-regolamenti u tajbin.

"Ghal-habta tal-11.30am, minghajr ma' l-haddiema gew infurmati li kienet sejra ssir is-*switch over* tas-sistema tal-

elettriku, sid il-barriera u l-*foreman* tal-Enemalta qablu li kellu jinbeda l-process ta' taqlib fis-sistema tal-elettriku. Gara li hekk kif Joseph Cassar, il-*foreman* tad-distrett, pogga l-*fuses* tas-*supply* fis-*substation*, il-metall estern tal-apparati installati fil-barriera, inkluzi l-*generators*, il-magni tal-qtugh tal-gebel u r-*railings* tal-hadid li fuqhom jahdmu l-haddiema, ircevew vultagg qawwi ta' cirka *240 volts* u b'hekk dan il-metall gie jixxokkja. Fil-mument illi Charles Zammit gie f'kuntatt ma' dan il-metall tar-*railings* hu ircieva xokk elettriku qawwi li kkagunalu l-mewt.

"Dan l-incident sehh b'konsegwenza ta' difetti li kien hemm ezistenti fl-istallazzjoni elettrika, *cioe'*, f'dik il-parti tal-istallazzjoni elettrika gdida li kienet saret *in konnessjoni* mas-servizz il-gdid li talab u inghata Joseph Zahra, sid il-barriera. Irrizulta li dawn id-difetti kienu jikkonsistu minn:

"(1) ikkonnettjar tal-*wires* tat-tlett *phases* u tan-*neutral* ta' gol-*main switch* f'sekwenza inkorretta u mhux skond kif jesigu r-regolamenti tal-provvista tal-elettriku, b'tali mod li wiehed mill-*phase wires* li jgorr potenzjali ta' *240 volts* gie kkonnettjat bi zball mal-hadid tal-*frame* tal-*main switch* u b'hekk irrenda il-metall estern tal-apparati elettrici fil-barriera u metall iehor assocjat, inkluzi r-*railings* tal-hadid, li jsiru elettrikament hajjin, u

"(2) nuqqas ta' twahhil ta' *"bonding conductor"* bejn il-metall tal-*frame* tal-*mains switch* u l-*earthing terminal*, li l-funzjoni tieghu hu li jipproteggi il-metall estern tal-apparati elettrici ikkonettjati mieghu milli jigi accidentalment irrendut elettrikament haj.

"Dan irrizulta mhux biss mix-xhieda ta' Saviour Zammit stess u ta' Joseph Cassar, li ikkonfermaw li wara l-incident, irrealizzaw li l-*wires* tal-elettriku ma gewx imwahhlin sew (fil-qosor, billi l-*wire* tal-*earth* tpogga fuq in-*neutral*), izda wkoll minn ezami tad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali fil-31 ta' Lulju, 1998, wara l-proceduri kriminali fuq akkuzi ta' qtil involontarju li ittiehdu kontra t-tlett konvenuti, *cioe'*, sid il-barriera, min ghamel ix-xoghol ta' istallazzjoni tal-elettriku, u minn ittestja dan l-istess xoghol.

“Ghal kull *buon fini* l-Qorti qieset bhala prova wkoll is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali fid-dawl tal-principju segwit minn dawn il-Qrati li ma hemm xejn kuntrarju ghall-esebizzjoni f’kawza civili ta’ kopja ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti – ara “Briffa vs Abela”, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Marzu, 2003, u l-gurisprudenza hemm riferita. Ghandu jizdied, ghal-kjarezza, li l-gudizzju *in sede penale* jikkostitwixxi, *pero’*, biss wahda mill-provi li fuqhom il-gudikant f’kawza civili ghandu jibbaza l-konkluzzjoni tieghu. F’dan il-kaz, apparti s-sentenza f’*sede penale*, hemm bizzejjed provi mill-atti li juru li l-incident sehh minhabba d-difetti aktar qabel riskontrati.

“It-tlett konvenuti, fil-fatt, ma jichdux li Charles Zammit miet fit-29 ta’ Lulju, 1998, b’rizultat ta’ *shock* elettriku (anzi dan jammettuh f’verbal registrat fil-11 ta’ Lulju, 1995), izda t-tlieta ippruvaw jitfghu t-tort tal-incident wiehed fuq l-iehor, billi jargumentaw illi huma mhux responsabbli ghad-difetti *in kwistjoni*.

“Sid il-barriera, Joseph Zahra, jghid li hu qabbad lill-persuna li hu jafha *“bhala electrician”* u halla kollox f’idejh; *inoltre* jghid li meta gie Saviour Zammit biex jaghmel it-testijiet, dan ma fetah ebda kaxxa, izda tah certifikat li kollox kien sew. Min haddem fuq l-elettriku, Alfred Pace, jghid li x-xoghol li hu ghamel ghamlu sew, u li bejn li ghamel ix-xoghol tal-*connections* u sar it-test ghaddew xi xahrejn, u f’dak il-perjodu ma kienx miss is-sistema tal-elettriku fil-barriera. Il-haddiem tal-Enemalta, Saviour Zammit, jghid li hu ghamel it-testijiet mehtiega dak inhar tal-incident filghodu kmieni u sab li kollox kien *“correct”*; bejn li hu telaq minn fuq il-post u sar l-incident kienu ghaddew xi sighat, u biex gara l-incident bilfors li xi hadd rega’ miss is-sistema.

“Din il-Qorti, wara li qieset l-assjem tal-provi u c-cirkustanzi tal-kaz, u wara li ghamlet l-apprezzament taghha fuq dawn il-provi, thoss li r-responsabilita’ ghall-incident ghandha tintefa fuq it-tlett konvenuti. Alfred Pace indahal ghal-bicca xoghol li la kien kwalifikat ghaliha, u

lanqas ma kellu l-licenzja mehtiega biex ikun jista' jezegwixxi dak ix-xoghol. Huwa wkoll wettaq ix-xoghol hazin, u naqas ukoll li jinstalla *"bonding conductor"* ghall-protezzjoni shiha tal-istallazzjoni elettrika kontra r-riskju ta' xokkijiet elettrici. Il-Qorti hija konvinta li x-xoghol ta' *wires* imqabbda hziena sar minnu, u n-nuqqas tal-istallazzjoni tal-*"bonding conductor"*, ma tista' tkun ta' hadd hlief tieghu. Saviour Zammit jirrizulta li jew ma ccekkja xejn jew ccekkja hazin. Wiehed mill-haddiema, Henry Zahra, qal li ra lill-*inspector* jiccekkja l-kaxxi tal-*wires* tal-magni, *pero'*, hadd mill-haddiema ma rawh jiccekkja l-kaxxi tas-sistema. Jekk, kif jghid hu, iccekkja, allura ghamel xoghol hazin ghax ma irrizultax li xi hadd rega' baghbas is-sistema fil-hin bejn li telaq hu minn fuq il-post u sehh l-incident. Sid il-barriera, Joseph Zahra, ghandu wkoll jitqies responsabbli, anzi fil-fehma tal-Qorti, fi grad akbar, peress li hu ghandu d-dover principali li jisvalagwardja ghas-sahha u l-inkolumita' tal-haddiema tieghu. Huwa dmir ta' min haddem li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema – ara, bhala ezempji ricenti tal-applikazzjoni ta' dan il-principju, l-kawzi <u>"Farrugia vs Malta Investment Management Co. Ltd"</u>, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 2003, u <u>"Attard vs Jacobsen"</u>, deciza wkoll min din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru, 2003. Sid il-barriera, f'dan il-kaz, mhux biss ha sogru bla bzonn meta qabbad persuna li ma kienetx licenzjata ghal dak ix-xoghol, izda wkoll meta kien se jsir il-qlib tas-sistema tal-elettriku minn fuq is-sistema tal-*generators* ghal fuq is-servizz tal-Gvern, ma infurmax lill-haddiema tieghu biex joqghodu attenti u l-boghod minn kull magna tal-elettriku bhala prekawzjoni. Hu halla x-xoghol ghaddej meta kellu jkun jaf li kien hemm potenzjal ta' periklu meta sistema tal-elettriku, b'voltagg hekk qawwi, kien se jigi maqlub minn wahda ghal-ohra f'nofs operazzjoni ta' hidma. Kien hu li, bit-traskuragni tieghu, ta lok ghall-izballji li waslu ghall-incident *in kwistjoni*.

"Il-Qorti, ghalhekk, issib lit-tliet konvenuti responsabbli ghall-incident li sehh fid-29 ta' Lulju, 1988, u li fih miet Carmelo sive Charles Zammit, u fil-waqt li, fil-konfront tal-

atturi, din ir-responsabilita' ghandha titqies *in solidum*, fir-relazzjoni interna ta' bejn il-konvenuti, ir-responsabilita' ghandha tigi sopportata kwantu ghal nofs (½) mill-konvenut Joseph Zahra, kwantu ghall-kwart (¼) mill-konvenut Alfred Pace, u kwantu ghall-kwart (¼) l-iehor mill-konvenut Saviour Zammit.

"Iz-zewg konvenuti Alfred Pace u Saviour Falzon eccepew ukoll il-preskrizzjoni ta' sentejn *ai termini* tal-artikolu 2153. Dan l-artikolu jiddisponi preskrizzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat. Il-Qorti tirrileva li l-preskrizzjoni f'materja ta' danni derivanti minn reat kriminali hija regolata bl-artikolu 2154 tal-Kodici Civili li fis-sub-inciz(1) jiddisponi li *"dwar il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkugunali b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali"*. Fil-kaz *in disamina* r-reat li rizultat tieghu Charles Zammit miet huwa dak kontemplat fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali li jgorr mieghu piena massima ta' erba' snin prigunerija, u ghalhekk, fit-termini tal-artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali, preskrivibbli biss bid-dikorriment ta' hames snin. L-incident sehh fid-29 ta' Lulju, 1988, u din il-kawza, wara Ittra Ufficcjali ipprezentata fil-15 ta' Lulju, 1993, infethet fid-19 ta' Lulju, 1993. Ghal-kull *buon fini*, b'verbal registrat quddiem l-Assistent Gudizjarju fil-11 ta' Lulju, 1995, il-partijiet kienu qablu li Charles Zammit kien miet fid-29 ta' Lulju, 1988. Minn dan jirrizulta car illi din l-eccezzjoni hija insostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

"Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni irrizulta li l-vittma kellu 23 sena meta sehh l-incident. Biex jigi stabbilit il-*multiplier*, il-Qorti trid tiehu *in konsiderazzjoni* l-kontingenzi tal-hajja futura – ara "Caruana vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004. Kif qalet l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja vs Agius", deciza fis-26 ta' Lulju, 1991:

*"Fi kliem iehor is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li kull min hu b'sahhtu hu mistenni li jibqa' jahdem sa 60 sena jew sad-data tal-pensjoni, izda tirrikjedi li tenut kont tal-eta' tal-mejjet u*

*fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja jittiehed numru ta' years purchase li hu l-multiplier u li huwa normalment anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorativa tal-vittma".*

"Fid-dawl ta' dawn il-principju, il-Qorti, f'dan il-kaz, sejra tadotta *multiplier* ta' 30.

"Ghar-rigward id-dhul tal-attur, jirrizulta li dan kellu paga ta' Lm32 fil-gimgha qabel ma' miet. Jekk wiehed jikkalkula zidiet fil-paga u possibilita' ta' avvanz fix-xoghol, il-Qorti thoss li jkun opportun li l-*lucrum cessans* jigi mahdum fuq dhul annwali ta' Lm5,500. Minn din is-somma m'ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba hlasijiet tat-taxxa (ara "Muscat vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1972), u lanqas minhabba hlasijiet tal-*PAYE* jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali (ara "Caruana vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1983).

"Jirrizulta, *inoltre*, li l-vittma kien ghadu guvni meta miet, jghix fl-istess dar mal-genituri tieghu u hutu. F'kazijiet bhal dawn, kif affermat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Turner vs Agius", deciza fit-28 ta' Novembru, 2003, il-Qorti trid tiehu hsieb ukoll id-*"dependency issue"*, ghax, kif osservat l-istess Onorabbli Qorti:

*"Hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li minnu din tkun qieghda tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja li qeghdha tghix fi hdanha u li fin-normalita' tal-hajja l-probabilita' tkun li din tiehu l-istat taghha jew tmur tghix ghar-rasha"*.

"Dan il-principju kien gie elaborat ukoll f'sentenza ohra tal-Onorabbli Qorti tal-Appell moghtija fid-29 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet "Agius vs Fenech".

*"Kwindi*, f'dawn ic-cirkustanzi, din il-Qorti thoss li minhabba d-*degree of dependency* hu wiehed baxx, l-ammont likwidat ghandu jigi ridott b'nofs, *cioe'*, b'50%, kif

ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Agius vs Fenech”, imsemmija.

“Mid-danni trid titnaqqas wkoll 25%, jew kwart mis-somma, bhala rata ta’ konsum misthajjel li l-vittma kienet *“tiekol”* jew *“tonfoq”* mill-kapital likwidat. Li ghandu jitnaqqas dan il-pencentagg gie konfermat ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Turner vs Agius”, gia qabel imsemmija.

“F’kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta’ 20% ghall-fatt li kien ser ikun hemm hlas f’daqqa (*“lump sum payment”*) lill-beneficcjarji. L-incident *in kwistjoni*, *pero’*, gara fl-1988, u din il-kawza ilha tkarkar u qabzet ghaxar snin minn meta giet intavolata; *inoltre* hafna mill-hin tal-proceduri ittiehed mill-konvenuti, ghax fil-waqt li l-atturi ghalqu l-provi taghhom f’Ottubru tal-1995, kien biss disa’ snin wara li l-konvenuti ghalqu l-provi taghhom, b’hafna differimenti jinghataw fuq talba ta’ xi wiehed jew iehor mill-konvenuti. *Kwindi,* japplika dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza indikata “Turner vs Agius” li *“dan it-trapass hu tant twil li ghandu jimilita kontra l-applikazzjoni ta’ tnaqqis ghal-fini ta’ lump sum payment”*.

“*Kwindi*, l-kumpens dovut bhala *lucrum cessans* ghandu jigi kkalkulat hekk:

30 x Lm5,500 – 50% - 25% = Lm61,875

“Barra minn dan l-attur, Nazzareno Zammit qed jitlob, bhala *dammum emergens,* kumpens ghal ghajnuna li l-vittma kien jaghtih fil-*farm* tieghu. Hu jghid li ibnu kien jghinu fit-trobbija ta’ sitt mitt majjal li hu jsemmen minn 48 majjala kif licenzjat mid-Dipartiment tal-Agrikoltura; issa, peress li ibnu gie nieqes, qed ikollu jimpjega barranin biex jghinuh, u qed ihallas madwar Lm2,500 fis-sena ghal din l-ghajnuna. Dan l-attur, *pero’*, ma gab ebda prova *in sostenn* ta’ dan: ma indika la min huma l-barranin li taghhom kellu jitlob l-ghajnuna, la x’kien ix-xoghol li dawn ghamlu, u lanqas ma esebixxa rcevuti ufficcjali tal-hlasijiet li jghid li ghamel. *Inoltre*, mhux probabbli li iben dan l-attur kien se jibqa jahdem ghal missieru b’mod regolari u

b'xejn, bla ebda kumpens, u, ghalhekk, il-hlasijiet kien ikollhom isiru xorta wahda, hin jew iehor. Din it-talba, ghalhekk, qed tigi respinta.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati, inkluzi dawk ta' preskrizzjoni, tilqa' t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu *in solidum* bejniethom lill-atturi s-somma ta' Lm61,875 (wiehed u sittin elf, tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin), bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Ottubru, 2000, sal-pagament effettiv – u dan peress li d-dewmien f'din il-kawza huwa *in gran* parti attribwibbli lill-konvenuti.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti *in solidum* bejniethom."

## II **<u>L-appelli</u>**

3. L-ewwel appell minn din is-sentenza dahal fl-4 ta' Frar 2005 ezattament mill-konvenut Alfred Pace. F'dan ir-rikors tal-appell, dan l-appellant, wara li spjega dettaljatament l-aggravji tieghu fil-konfront tas-sentenza appellata, talab li din il-Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-appellant Alfred Pace ma kienx responsabbli tal-incident in kwistjoni, jew, alternattivament, kemm-il darba din il-Qorti ssib lill-appellant responsabbli *in parte*, tirriduci sostanzjalment il-grad tieghu ta' din ir-responsabbilta`, u f'kull kaz tirriduci l-*quantum* tad-danni kemm minhabba r-riduzzjoni fil-grad tal-htija, kif ukoll billi tirrevedi 'l isfel il-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti, u fl-ahhar nett tordna li l-imghaxijiet ghandhom jithallsu mid-data tas-sentenza definittiva u tikkonferma s-sentenza fil-bqija – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

4. Fis-7 ta' Frar 2005, tressaq quddiem din il-Qorti l-appell tal-konvenut Joseph Zahra. Huwa spjega dettaljatament l-aggravji tieghu u talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tichad it-talbiet tal-atturi in kwantu huma diretti kontra tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi, u fil-kaz li din il-

Qorti thoss li huwa kien b'xi grad responsabbli ghall-akkadut, joghgobha tvarja l-istess sentenza billi tghaddi biex tikkundanna lilu jhallas dik is-somma li ghandha tinhadem fuq is-sottomissjonijiet imressqa fir-rikors tal-appell tieghu, b'dana li tvarja wkoll fejn sabet lilu hati solidalment mal-konvenuti l-ohra, u inoltre tikkundannah ihallas is-somma minnu dovuta minghajr ebda imghax – u dan bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

5. Il-konvenut Saviour Zammit ressaq l-appell tieghu quddiem din il-Qorti fid-9 ta' Frar 2005. Fih spjega dettaljament ghaliex hassu aggravat bis-sentenza appellata u talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza appellata billi tiddikjarah mhux responsabbli ghall-akkadut u ghad-danni, u in subordine tirriformaha, jekk tikkonferma r-repsonsabbilta` tieghu, billi tbiddilha ghar-ragunijiet li ta fl-istess rikors tieghu, kemm dwar l-ammont tad-danni dovuti u kemm ukoll dwar l-imghaxijiet minn meta jibdew jiddekorru – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

6. L-atturi appellati kkontestaw it-tliet appelli tal-konvenuti fuq imsemmija bi tliet risposti separati, tnejn minnhom intavolati mill-atturi fl-14 ta' Frar 2005, u dan fil-konfront tal-appelli ta' Alfred Pace u ta' Joseph Zahra. It-tielet risposta tal-appell giet prezentata mill-atturi appellati fit-3 ta' Frar 2005 u biha wiegbu ghall-aggravji mressqa mill-appellant Saviour Zammit. B'dawn it-tliet risposti tal-appell, l-atturi appellati wiegbu dettaljatament ghall-aggravji u sottomisjonijiet imressqa mill-appellanti u fl-istess risposti l-atturi appellati spjegaw ghaliex, fil-fehma taghhom, is-sentenza appellata kienet wahda gusta u ghalhekk talbu li din il-Qorti joghgobha tichad it-tliet appelli tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

7. Din il-Qorti semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-kontendenti u halliet il-kawza ghas-sentenza.

## III Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

### Il-fatti li taw lok ghall-kawza

8. Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:
Carmelo sive Charles Zammit, guvni ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben l-atturi Nazzareno u Marija konjugi Zammit u hu l-atturi l-ohra Doreen, Michael u Mary ahwa Zammit kien qieghed jahdem fil-barriera tal-konvenut Joseph Zahra gewwa Ta' Kandja, fil-limitu tas-Siggiewi, meta gara l-incident fatali fid-29 ta' Lulju 1988, li fih l-istess Carmelo sive Charles Zammit tilef hajtu. Dak iz-zmien, il-kurrent elettriku f'dik il-barriera kien provdut b'zewg *diesel electric generators* li kienu installati fl-istess barriera. Fis-16 ta' Novembru 1987, l-imsemmi konvenut Zahra applika ma' l-Enemalta biex ikollu *three-phase supply* tal-elettriku. Biex ressaq din it-talba lill-Enemalta, l-konvenut Zahra ottjena l-firma ta' Edmund Mifsud, li huwa *electrician* debitament licenzjat mill-Enemalta, billi ghandu kemm il-lincenzja 'A' u kemm ukoll dik 'B'. Il-konvenut Zahra ffirma dik l-applikazzjoni bhala sid il-barriera, u huwa stess ikkonsenja l-istess applikazzjoni fl-ufficcju tal-Enemalta. Ghandu jigi enfasizzat li dan Edmund Mifsud kien iffirma dik l-applikazzjoni bil-kundizzjoni li x-xoghol relattiv tal-installazzjoni elettrika in kwistjoni kellu jigi esegwit minnu, kemm-il darba l-Enemalta tilqa' l-applikazzjoni li kien ressaq sid il-barriera. Irrizulta li sid il-barriera, il-konvenut Zahra, ghalkemm accetta dik il-kundizzjoni, naqas li jottempera ruhu maghha, ghaliex huwa ma qabbadtx lil imsemmi Edmund Mifsud biex jaghmel ix-xoghol in kwistjoni, u minflok qabbad lill-konvenut Alfred Pace biex jaghmel l-istess xoghol. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti bazikament fit-twahhil ta' *main switch*, li minnu kienu johorgu l-*cables* maghrufa bhala *tails* li eventwalment kellhom jitwahhlu mal-*meter* tad-dawl mill-haddiema tal-Enemalta, kif ukoll l-istallazzjoni tal-*cable* bejn dan il-*main switch* u l-kamra tal-*generators* fejn kellu jitwahhal ukoll *change over switch,* biex il-barriera tkun tista' tithaddem skond il-bzonn, kemm bil-*generators* u, alternattivament, bil-kurrent elettriku supplit mill-Enemalta. Il-konvenut Alfred Pace, kif ammetta huwa stess, kellu biss esperjenza ta' xoghol ta' *electrician* izda ma kellux il-kwalifiki jew il-licenzji msemmija tal-Enemalta biex ikun jista' jaghmilha ta' *electrician* kwalifikat. Irrizulta li

Edmund Mifsud ma kien ghamel l-ebda xoghol fis-sistema elettrika tal-barriera in kwistjoni bejn id-data li huwa ffirma l-applikazzjoni fuq imsemmija u d-data li fih sehh l-incident meritu ta' din il-kawza.

9. Wara li l-konvenut Alfred Pace lesta' x-xoghol kollu msemmi tal-installazzjoni elettrika, il-*foreman* tad-distrett, Joseph Cassar, ha hsieb biex iwassal il-provvista tal-elettriku permezz ta' *armoured cable* mis-*sub-station* ta' Kandja ghall-kamra li fiha Alfred Pace kien wahhal il-*main switch*. Il-hsieb kien li, wara li l-installazzjoni maghmula minn Alfred Pace tigi debitament ittestjata u ccertifikata bhala li kienet tajba minn haddiema tat-*testing section* ta' l-Enemalta, u t-*terminals* tal-*cable tails* (li aktar qabel kienu twahhlu minn konvenut Pace fil-*main switch*) jigu kkomunikati mal-*meter* tad-dawl. Imbaghad, ikun imiss li dan kien ikkomunika mas-*service docks* li fiha jidhol l-*armoured cable* imsemmi, sabiex hekk ikun jista' jinghata s-servizz tal-kurrent elettriku mis-*sub-station,* billi minn hemmhekk jitwahhlu l-*fuses* relattivi.

10. Dakinhar tal-incident ix-xoghol tal-qtugh tal-gebel fil-barriera, beda kmieni ghal habta ta' l-erbgha (4) ta' filoghdu. Ghal-ewwel il-provvista tal-elettriku biex jithaddmu l-magni li jaqtghu l-gebel giet provduta miz-zewg *electric diesel generators*. Dakinhar gie deciz li tibda tinghata l-provvista tal-elettriku tal-Enemalta mis-*sub-station* ta' Kandja. Saddanitant, il-magni tal-gebel thaddmu minn Carmelo sive Charles Zammit u shabu minghajr ebda sinjal ta' *shocking* jew ta' xi inkwiet iehor. Dakinhar stess filoghdu, l-installazzjoni tal-elettriku fil-barriera kienet giet iccekjata u ttestjata mill-konvenut Saviour Zammit, ufficjal tal-Enemalta, li kien intalab mill-*foreman* Joseph Cassar biex jaghmel dawn it-testijiet qabel ma huwa jpoggi l-*fuses* fis-*sub-station* biex hekk titwassal il-provvista tal-elettriku gol-barriera. Il-konvenut Zammit ighid li ttestja din l-installazzjoni u l-makkinarju u sab li dawn kienu tajbin u skond ir-regolamenti tal-Enemalta u effettivament informa lil *foreman* Cassar b'dan kif ukoll hejja rapport li kopja tieghu tinsab a fol. 120 tal-process.

11. Dakinhar stess fid-29 ta' Lulju 1988 il-konvenut Zahra u l-*foreman* Cassar qablu li ssir is-*change over* tas-sistema tal-elettriku fil-barriera. Jigi enfasizzat li dan effetivament sar minghajr ma l-haddiema, li kienu qed jaqtghu l-gebel fil-barriera, gew infurmati li kienet sejra ssir din is-*switch over* tas-sistema tal-elettriku, bir-rizultat li huma thallew ikomplu jahdmu bhas-soltu u bhalikieku ma kien sejjer isir xejn gdid. Gara illi hekk kif il-*foreman* Joseph Cassar pogga l-*fuses* tas-*supply* fis-*sub station* f'posthom, il-metal estern tal-apparati installati fil-barriera, inkluz il-*generators*, il-magni tal-qtugh tal-gebel kif ukoll ir-*railings* tal-hadid li fuqhom jitmexxew dawn il-magni, rcevew vultagg ta' cirka mitejn u erbghin (240) *volts* u b'hekk dan il-metal kollu gie jixxokkja. Il-haddiem Nikola Mifsud ha xokk u ttajjar bl-istess xokk u b'hekk ix-xokk li ha ma kienx fatali ghalih. Carmelo sive Charles Zammit ma kienx daqshekk iffortunat ghaliex ha xokk u safa mixhut wiccu 'l fuq fuq ir-*rails* tal-magna ta' taht. B'hekk, baqa' in kuntatt mal-metall elettrifikat u x-xokk li ha kien fatali ghalih.

12. Dan l-incident sehh b'konsegwenza ta' difetti li rrizultaw li kienu ezistenti fl-installazzjoni elettrika fil-barriera, ezattament f'dik il-parti ta' l-installazzjoni li kienet saret biex jinghata s-servizz tal-elettriku tal-Enemalta lill-barriera. Instabu zewg difetti f'din is-sistema elettrika u cioe` a) it-*terminal wires* tat-*three phase supply* ta' gol-*main switch* twahhlu b'sekwenza inkorretta b'tali mod li wiehed mill-*phase wires*, ezattament dak isfar, li jgorr potenzjal ta' 240 volts, gie konnettjat bi zball mal-hadid tal-*frame* tal-istess *main switch* u b'hekk irrenda dan il-metal, kif ukoll il-metal l-iehor estern tal-apparati elettrici fil-barriera u metal iehor assocjat, inkluz ir-*railings* tal-hadid, li jsiru elettrikament hajjin, u b) Il-*frame* tal-hadid tal-*main switch* ma giex imwahhal mal-*earth bonding conductor* u b'hekk safa nieqes mezz iehor ta' salvagwardja kontra x-xokkijiet, ghaliex il-funzjoni ta' dan il-*bonding conductor* kien ezattament dak li jipprotegi l-metal estern tal-apparati elettrici kkonettjati mieghu fil-kaz li dawn jigu accidentalment rezi elettrikament hajjin.

13. Kif rajna, l-ewwel Qorti sabet lit-tliet konvenuti responsabbli ghall-incident li fih miet Carmelo sive Charles Zammit. L-ewwel Qorti ddecidiet li din ir-responsabbilta`, fil-konfront tal-atturi, kellha titqies in solidum, filwaqt li fir-relazzjoni interna ta' bejn il-konvenuti tali responsabbilta` kellha tigi sopportata kwantu ghan-nofs ($^{1}/_{2}$) mill-konvenut Joseph Zahra, kwantu ghall-kwart ($^{1}/_{4}$) mill-konvenut Alfred Pace u kwantu ghall-kwart ($^{1}/_{4}$) l-iehor rimanenti mill-konvenut Saviour Zammit. Ghalhekk, wara li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-istess konvenuti hija kkundannathom ihallsu in solidum bejntiehom lill-atturi s-somma ta' wiehed u sittin elf, tmien mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm61,875), illum ekwivalenti ghall-mija u erbgha u erbghin elf, mija u tletin Euro (€144,130) flimkien ma' l-imghaxijiet legali mill-25 ta' Ottubru 2000 sa l-effettiv pagament, u bl-ispejjez tal-kawza, li kellhom jithallsu kollha mill-konvenuti in solidum bejniethom. Fl-appelli taghhom, it-tliet konvenuti qeghdin jikkontestaw tali responsabbilta`, bazikament billi jippruvaw jitfghu t-tort tal-incident wiehed fuq l-iehor. Fi kwalunkwe kaz, ilkoll qeghdin jikkontestaw il-*quantum* tad-danni likwidata mill-ewwel Qorti. Dawn l-aspetti tal-kawza issa hemm bzonn li jigu kkunsidrati.

**<u>Ta' min hija r-responsabbilta` ghal dak li gara</u>**

**<u>Responsabbilta`: L-appell tal-konvenut Joseph Zahra</u>**

14. L-ewwel Qorti sabet lil dan il-konvenut Zahra responsabbli, anzi fil-grad akbar mill-konvenuti l-ohra, ghax fuqu kien jinkombi d-dover principali li jissallvagwardja s-sahha u l-inkolumita` tal-haddiema tieghu. Dan id-dover Zahra ma qdiehx, meta hu qabbad persuna li ma kienitx licenzjata biex taghmel ix-xoghol tal-qlib tas-sistema tal-elettriku minn fuq is-sistema tal-*generators* ghal fuq is-servizz tal-Enemalta kif ukoll ghaliex ma infurmax lil haddiema tieghu biex joqghodu attenti u 'l boghod minn kull magna tal-elettriku bhala prekawzjoni f'dak il-mument meta kien sejjer isir effettivament il-bdil ta' dik is-sistema elettrika. L-ewwel Qorti kkumentat li kien proprju hu li, bit-traskuragni tieghu, ta lok ghall-izballji li wasslu ghall-incident in kwistjoni.

15. L-appellant Zahra jikkontesta dawn is-sejbiet tar-responsabbilta` fil-konfront tieghu li sabet l-ewwel Qorti bazikament fuq erba' fatturi:

a) illi huwa qabbad persuna kompetenti fil-mestjier, cioe` lill-Alfred Pace, sabiex jesegwixxi x-xoghol fuq l-installazzjoni l-gdida. L-appellant kien jaf li dan kellu esperjenza twila fuq xoghol bhal dan ghax infatti kien hadimlu fuq xoghol simili f'diversi barrieri li kellu qabel;

b) illi l-appellant ma kienx jaf li l-konvenut Pace ma kellux il-licenzja rikjesta mill-Enemalta biex jaghmel dak ix-xoghol. Dan il-fatt skoprieh wara li gara l-incident;

c) fi kwalunkwe kaz, l-appellant kien jaf li jekk stess l-installazzjoni maghmula minn Pace kien sejjer ikollha xi difett, dan l-istess difett kien sejjer jigi rrangat qabel tibda tithaddem is-sistema l-gdida. Dan billi l-Enemalta, kif soltu isir, kellha tibghat *engineer* kwalifikat li jittestja u jiccertifika li s-sistema kienet tajba. Kien ezattament il-kompitu tal-konvenut Zammit, kif ukoll tal-*foreman* Cassar, li jaccertaw ruhhom it-tnejn u separatament li x-xoghol li kien gie esegwit fuq il-lant tax-xoghol, kien effettivament esegwit tajjeb u skond ir-regolamenti tal-Enemalta sabiex meta jinghata l-kurrent elettriku, dan il-process isir minghajr ebda perikolu ghall-haddiema li kienu qed jahdmu fil-barriera;

d) illi l-appellant kien staqsa lill-*foreman* Cassar ezattament qabel qabbad is-sistema tal-*mains* tal-Enemalta jekk kienx hemm bzonn li jinforma lill-haddiema bil-bdil tal-provvista tal-kurrent u dan tal-ahhar kien irrispondih li ma kienx hemm bzonn ghax l-elettriku kien sejjer jilhaq biss sal-*main switch* (li kien mitfi).

16. Dawn l-erba' argumenti tal-appellant Zahra huma ftit li xejn konvincenti ghal din il-Qorti. Kontrarjament ghal dak li jghid l-appellant Zahra fir-rikors tal-appell tieghu, jirrizulta bic-car li huwa qabbad biex jaghmel ix-xoghol in kwistjoni persuna mhux biss li ma kinitx licenzjata izda li bhala fatt irrizulta li kienet inkompetenti. Dan ghaliex il-

persuna li qabbad biex taghmel ix-xoghol lill-appellat, cioe` l-konvenut Pace, irrizulta li kkomettiet zball grossolan meta qaleb is-sekwenza tal-*wires* fil-*main switch.* Alfred Pace stess stqarr hekk a fol. 165 tal-process:

"Kien hemm erba' kuluri, *red, yellow* u *blue* u *black.* L-isfar ghamiltu *earth*, it-tlieta l-ohra ghamilthom *phases*."

Irrizulta li f'dan it-tip ta' xoghol, ir-regola hija li l-*earth wire* jkun ta' kulur isfar bl-ahdar jew ta' kulur ahdar biss, filwaqt li l-*yellow* wahdu huwa *phase*. Inoltre, l-appellant Zahra ma gab l-ebda raguni plawsibli ghaliex huwa ma assenjax ix-xoghol lill-*electrician* li kien jaf li huwa kwalifikat cioe` lil Edmund Mifsud. Dan kien ukoll iffirmalu l-applikazzjoni biex isir ix-xoghol in kwistjoni u kien rabtu bil-kundizzjoni li x-xoghol relattiv jaghmlu huwa stess. Ix-xhud Edmund Mifsud xehed a fol. 224 li wara li huwa ffirma dik l-applikazzjoni, bl-imsemmija kundizzjoni, huwa qatt ma gie avvicinat minn sid il-barriera biex jaghmel dan ix-xoghol. L-appellant Zahra ma jistax jahrab mir-realta` li biex jottjeni l-permess tal-Enemalta huwa uzufruwixxa mill-firma ta' *electrician* kwalifikat, izda mbaghad ghazel minn jeddu li x-xoghol jaghtih biex jigi esegwit minn persuna li kienet inkompetenti. Il-konvenut Pace stqarr (a fol. 232) li kien Zahra stess li fuq il-formola tal-applikazzjoni gab il-firma ta' *electrician* li kellu l-licenzja. Pace stqarr li Zahra kien jaf li hu (Pace) ma setax jiffirma dik l-applikazzjoni. Hija haga verosimili hafna, li kieku x-xoghol gie esegwit minn Edmund Mifsud, din it-tragedja kienet tigi evitata. Ghandu jinghad ukoll li r-responsabbilta` kontributorja ghal dak li gara ta' terzi persuni ma tezentax lil dan l-appellant mir-responsabbilta` tieghu ghall-imprudenza li wera fil-qadi ta' dmirijietu. Fl-ahhar nett, din il-Qorti ghandha tirrileva li ma sabitx prova fil-process tal-allegazzjoni tal-appellant Zahra u cioe` li dan saqsa lil Cassar jekk kienx hemm bzonn li jinforma lil haddiema li kien sejjer iqabbad is-sistema tal-elettriku tal-barriera mal-*mains* tal-Enemalta u dan irrispondih li ma kienx hemm bzonn ghax l-elettriku kien ser ilahhaq biss sal-*mains.* Konsegwentement, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament gust u korrett tal-provi relattivi fil-konfront tar-

responsabbilta` li ghandu jgorr l-appellant Zahra, u certament din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni ghaliex hija ghandna tirritjeni xorta'ohra.

**<u>Responsabbilta`: L-appell tal-konvenut Alfred Pace</u>**

17. L-ewwel Qorti sabet lill-appellant Alfred Pace responsabbli in parte ghal dak li gara minhabba li huwa kien indahal ghal bicca xoghol li la kien kwalifikat ghaliha u lanqas ma kellu licenzja mehtiega biex ikun jista' jesegwiha. Irrizulta li huwa wettaq ix-xoghol hazin u naqas ukoll li jinstalla *bonding conductor* ghall-protezzjoni shiha tal-installazzjoni elettrika kontra r-riskju ta' xokkijiet elettrici. L-ewwel Qorti kienet konvinta li x-xoghol ta' *wires* imqabda hazin, kien sar minnu u n-nuqqas tal-installazzjoni tal-*bonding conductor*, ma tista' tkun ta' hadd hlief tieghu.

18. L-ewwel aggravju ta' dan l-appellant Pace jikkonsisti fl-allegazjoni li l-ewwel Qorti assumiet ir-responsabbilta` tieghu fl-incident *de quo,* avolja ma kien hemm l-ebda prova esterna li torbot direttament lilu ma' l-incident tragiku in kwistjoni. Huwa jghid li ressaq provi dwar il-fatt illi x-xoghol fuq is-sistema tad-dawl kien sar minnu xhur shah qabel ma gara dak li gara. Huwa jghid li x-xoghol li ghamel hu sar gewwa kamra miftuha li ghaliha kien hemm access liberu ghal kulhadd; ghalhekk, kulhadd seta' bl-akbar facilita` ibaghbas mas-sistema tad-dawl u hadd ma kien jinduna.

19. Dan l-aggravju ma huwa bl-ebda mod fondat. Kuntrarjament ghal dak li jallega l-konvenut Pace, l-ewwel Qorti ma assumiet xejn, izda hija bbazat ruhha fuq il-provi akkwiziti fil-process. Mhux biss irrizulta li huwa ma kellux licenzja biex jaghmel ix-xoghol li indahal li jaghmel, izda wkoll wera li fl-ezekuzzjoni ta' dan ix-xoghol kien kompletament inkompetenti. Iz-zewg difetti li sabu fis-sistema u li ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza, irrizultaw li kienu l-frott tax-xoghol hazin esegwit minnu u minnu biss. Dan l-appellant stess hekk stqarr a fol. 165:

"Kien hemm erba' kuluri, *red, yellow u blue u black.* L-isfar ghamiltu *earth*, it-tlieta l-ohra ghamilthom *phases.*"

Irrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju li l-*wire* ta' kulur isfar ma kellux jitwahhal fil-*main switch* fuq l-*earth terminal* billi dan kien *"yellow phase."* Kien proprju dan l-izball fatali tal-appellant Pace li kkontribwixxa bis-shih ghal mewt tad-*decujus*.

20. L-appellant Pace jilmenta wkoll li huwa kien distakkat kompletament mill-incident li sehh u konsegwentement il-kundanna ta' kwart ($^{1}/_{4}$) tar-responsabbilta` globali tal-incident li xehtet fuqu l-ewwel Qorti kienet eccessiva. Huwa jishaq li kienet il-kombinazzjoni u l-assjem tan-nuqqas tal-konvenut Zahra u tal-konvenut Zammit li wasslu ghall-incident tragiku in kwistjoni. Huwa jghid li n-nuqqas taghhom kien il-kawza prossima tas-sinistru, ghaliex kieku l-konvenut Zammit iccekja u ttestja s-sistema elettrika kif dejjem isir, u kieku huwa hares lejn is-sistema tad-dawl qabel ma qabbad it-*tails,* huwa kien jinduna bid-difett li kien hemm. Jinsisti li fuq kollox kien l-istess konvenut Zammit li qabbad is-sistema tad-dawl tal-barriera ma' dik tal-Enemalta u kien huwa li ta l-kunsens biex jigi fornit id-dawl. Jinsisti wkoll li kieku sid il-barriera cioe` l-konvenut Zahra ha l-prekawzjonijiet mehtiega, u almenu avza lill-haddiema li kien gej id-dawl tal-Enemalta, l-incident ma kienx isehh.

21. Din il-Qorti ma tistax tilqa' din l-argumentazzjoni ghaliex jidhrilha li kollox ma' kollox l-ewwel Qorti kienet gusta ma' dan l-appellant meta xehtet fuqu kwart ($^{1}/_{4}$) tar-responsabbilta` ghall-incident in kwistjoni. Ir-responsabbilta` kontributorja ta' haddiehor certament ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-appellant Pace indahal ghal xoghol li kien jaf, jew messu kien jaf, li ma kienx licenzjat li seta' jaghmel u li fil-fatt irrizulta li wettqu hazin billi esegwih kontra r-regolamenti tal-Enemalta u b'hekk huwa kkontribwixxa b'mod sinifikanti ghall-mewt ta' Carmelo Zammit.

**<u>Responsabbilta`: L-appell ta' Saviour Zammit</u>**

22. L-ewwel Qorti osservat hekk dwar ir-responsabbilta` kontributorja ta' dan l-appellant Zammit ghall-mewt tad-*decujus*:
"Saviour Zammit jirrizulta li jew ma iccekja xejn jew iccekja hazin. Wiehed mill-haddiema, Henry Zahra qal li ra lill-*inspector* jiccekja l-kaxxi tal-*wires* tal-magni, pero`, hadd mill-haddiema ma rah jiccekkja l-kaxxi tas-sistema. Jekk, kif jghid hu, iccekkja, allura ghamel xoghol hazin ghax ma rrizultax li xi hadd rega' baghbas is-sistema fil-hin bejn li telaq hu minn fuq il-post u meta sehh l-incident."

23. L-appellant Zammit jilmenta li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda piz ghall-fatt li kien hemm *testing* iehor xi jsir u dan kien precizament meta inghatat il-provvista tad-dawl elettriku mis-*sub-station*. Huwa stqarr li meta ma jkunx gej il-kurrent elettriku, tejoretikament jista' jkun kollox jidher sew imma fil-fatt jista' jkun li jkun hemm *fault.* Ma rrizultax li xi hadd ittestja s-sistema meta inghata l-kurrent. Ghal dan it-*testing* kienu responsabbli nies ohra tal-Enemalta, u f'dak il-mument l-appellant ma kienx fuq il-post, u anqas ma kellu l-obbligu skond ix-xoghol tieghu li jkun hu li jissorvelja.

24. Dan l-aggravju tal-appellant Zammit ma hux fondat. Jirrizulta sodisfacentement li z-zewg diffetti li gew riskontrati wara l-incident fis-sistema l-gdida tal-elettriku u li kien kompitu tal-appellant Zammit li jittestja u jiccertifika qabel ma tinghata l-provvista tal-elettriku fis-*sub-station* Ta' Kandja, kienu verament jezistu f'din is-sistema. Sfortunatament huwa ma kienx ittenda bihom meta ccertifka li s-sistema kienet skond ir-regolamenti tal-Enemalta u ghalhekk kienet tajba u kapaci bizzejjed biex jinghata l-kurrent elettriku fuqha. Huwa lampanti ghal din il-Qorti li dan l-appellant ma wettaqx xogholu sewwa. Huwa inutli ghalih li jsemmi n-nuqqasijiet ta' haddiehor, ghax l-ewwel Qorti ma sabitx lil dan l-appellant unikament responsabbli ghal dak li gara. Huwa jrid iwiegeb ghan-nuqqas partikolari tieghu, kif iridu jwiegbu wkoll il-konvenuti l-ohra ghan-nuqqasijiet rispettivi taghhom.

25. Konsegwentement, l-argumenti li ressqu t-tlett appellanti bhala aggravji ghall-fatt li l-ewwel Qorti kienet

sabithom responsabbli ghall-mewt ta' Carmelo Zammit, ma jistghux jintlaqghu minn din il-Qorti. Din il-Qorti *invece* jidhrilha li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament gust u korrett tal-provi kollha relattivi u certament hadd mill-appellanti ma wera raguni tajba bizzejjed biex din il-Qorti tehles lil xi hadd minnhom mir-responsabbilta` jew tnaqqas il-grad tar-responsabbilta` li sabet l-ewwel Qorti fil-konfront ta' kull konvenut appellant.

**Jekk kienx hemm kontributorjeta` da parti ta' Carmelo Zammit**

26. It-tliet appellanti ilmentaw li l-ewwel Qorti ma tat ebda konsiderazzjoni ghan-negligenza kontributorja tal-mejjet. Huma allegaw li waqt l-incident Carmelo Zammit kien hafi u ghalhekk hu stess ikkontribwixxa parti sinifikattiva ghall-incident li fih huwa tilef hajtu. Is-segwenti silta mir-rikors tal-appell tal-konvenut Pace hija tipika ta' dan l-ilment li huwa komuni ghaz-zewg konvenuti appellanti l-ohra:

"Tenut kont tal-fatt li kien ikun veru facli ghal mejjet Carmelo Zammit li jilbes zarbun u tenut kont tal-fatt li dawk kollha li kellhom zarbun f'saqajhom ma gralhom xejn, l-esponent umilment jissottometti li dan il-fatt kellu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u inoltre l-esponenti umilment jissottometti illi l-livell ta' kontributorjeta` f'dan il-kaz ghandu jkun mill-inqas dak ta' hamsin fil-mija (50%)."

27. Din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament il-provi akkwiziti fil-process, ma tistax tilqa' dan l-aggravju tat-tliet konvenuti appellanti ghas-semplici raguni li ma jirrizultax minn dawn il-provi b'mod sodisfacenti li l-mejjet kien hafi meta gara l-incident. Ix-xhud Jesmond Formosa, li dak il-hin tal-incident kien fil-barriera ezattament jippostja l-gebel fuq it-trakk, xehed li l-haddiema "konna liebsin bix-*shorts* u *t-shirt* u kellna sandli. Anke Charlie kien liebes l-istess bhalna – bix-*shorts*, nahseb li kien liebes ezatt bhalna…jiena naf li dejjem bis-sandlijiet jahdmu fil-barriera bis-sandlijiet tal-*plastic,* ingwanti ma jkollniex" (ara fol. 109). Haddiem iehor li kien fuq il-lant tax-xoghol

dakinhar tal-incident cioe` Henry Zahra (li jigi hu l-appellant Zahra) xehed hekk:

“Jiena ma niftakarx x’kien liebes dakinhar Charlie, pero` kien liebes normali. Nghid ghalija gieli nahdem hafi, u lil Charlie gieli rajtu hafi. Jiena nigi hu Joseph Zahra l-konvenut” (ara fol. 110 u 111).

28. Sa fejn tista’ tara din il-Qorti, dawn kienu l-unici zewg xhieda li xehedu dwar dak li kien liebes il-mejjet dakinhar tal-incident. Evidentement din ix-xhieda ma tammontax ghal prova sodisfacenti li l-mejjet kien hafi dakinhar tal-incident. Jirrizulta mill-provi fil-process li kienu diversi persuni li hadu xokk dakinhar tal-incident liema xokk pero` ma kienx fatali ghalihom. Dawn kienu fortunati li rnexxilhom jinqalghu minn mal-kurrent elettriku, mentri Carmelo Zammit irrizulta li kien sfortunat ghaliex meta x-xokk tajru, hu gie wiccu ’l fuq fuq ir-*rails* tal-magna <u>u hekk baqa’ in kuntatt mal-metal li kien elettrifikat</u>. Ghalhekk, mill-asjem tal-provi, din il-Qorti ma tistax issib li Carmelo Zammit ikkontribwixxa b’xi mod ghall-incident li fih huwa tilef hajtu u ghalhekk dan l-aggravju tat-tliet appellanti ma jistax jintlaqa’.

**<u>L-appelli tal-konvenuti dwar il-likwidazzjoni tad-danni</u>**

29. Meta Carmelo Zammit tilef hajtu, huwa kien guvni ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena u kien jaqla’ tnejn u tletin Lira Maltin (Lm32) fil-gimgha. L-ewwel Qorti llikwidat it-telf ta’ qliegh in kwistjoni billi awmentat id-dhul annwali tieghu ghas-somma ta’ hamest elef u hames mitt Lira (Lm5,500), immoltiplikat dan l-ammont b’*multiplier* ta’ tletin (30) sena u mir-rizultat naqset hamsin fil-mija (50%) minhabba l-grad ta’ dipendenza li l-mejjet kellu ma’ l-atturi u regghet naqset hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) minhabba l-konsum misthajjel tal-vittma, u b’hekk waslet ghas-somma ta’ wiehed u sittin elf, tmien mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm61,875). L-ewwel Qorti dehrilha wkoll li ma kellhiex taghti ebda tnaqqis rigward it-taxxa fuq id-dhul tal-mejjet u lanqas ebda tnaqqis dwar il-hlas tas-sigurta` socjali kif ukoll ma tat l-ebda tnaqqis minhabba li kienet sejra tigi ordnata li tithallas *lump sum payment*.

30. Il-konvenuti appellanti kollha kemm huma kkritikaw il-likwidazzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. L-aggravji taghhom sejrin jigu konsidrati kollha flimkien ghaliex wiehed jista' jqis li hemm qbil sostanzjali bejniethom fil-kritika li ressqu ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.

31. L-appellanti kollha kkritikaw il-fatt illi l-ewwel Qorti mmultiplikat il-qliegh annwali tad-*decujus* b'aktar minn tliet (3) darbiet biex wasslet ghas-somma ta' hamest elef u hames mitt Lira (Lm5,500) fis-sena u kkritikaw il-fatt li din is-somma ttiehdet in konsiderazzjoni ghaz-zmien kollu ta' tletin (30) sena u cioe` anke mill-ewwel sena wara l-mewt tad-*decujus*. Wara li din il-Qorti qieset sewwa l-aggravji kollha li ressqu l-appellanti kollha dwar dan il-punt, u qieset ukoll dak li l-atturi rrispondew dwaru, din il-Qorti jidhrila illi l-kritika tal-appellanti jisthoqqila li tigi akkolta. Wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz jidhrilha li ghandha tistabbilixxi l-qliegh annwali misthajjel tad-*decujus* fis-somma ta' erbat elef Lira Maltija (Lm4,000).

32. Il-*multiplier* ta' tletin (30) sena adoperat mill-ewwel Qorti gie kritikat biss mill-appellant Pace. Din il-Qorti ezaminat din il-kritika li bazikament hija fis-sens illi x-xoghol ta' barriera huwa wiehed ta' strapazz, u allura huwa ferm dubbjuz kemm il-mejjet Zammit seta' jiflah jahdem ghal tletin (30) sena shah gewwa barriera. Din il-Qorti ma tistax tilqa' din il-kritika ghas-semplici raguni li Zammit ma kellu ebda obbligu li jiddedika l-hajja lavorattiva tieghu unikament ghal xoghol fil-barriera u certament dan seta', meta ried, caqlaq minn hemm u jsib xoghol anqas ta' strapazz b'paga *piu o meno* ekwivalenti. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-*multiplier* li ghandu jigi adoperat f'dan il-kaz huwa dak ta' tletin (30) sena.

33. L-appellant Zahra kkritika l-ewwel Qorti li naqset biss hamsin fil-mija (50%) b'konnessjoni mal-grad tad-dipendenza tad-*decujus* mal-attur. Fil-fehma ta' dan l-appellat kien ikun aktar gust li l-percentwal ta' tnaqqis tkun

hamsa u sittin fil-mija (65%). Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-kritika u minflok taddotta dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti cioe` li t-tnaqqis relattiv ghandu jkun bazat fuq percentwali ta' hamsin fil-mija (50%).

34. It-tliet appellanti kkritikaw it-tnaqqis ta' 25% li ghamlet l-ewwel Qorti in konnessjoni mal-konsum misthajjel tad-*decujus* matul is-snin tal-multiplikand. L-appellant Zahra insista li ghal dan l-aspett kellu jinghata tnaqqis ta' hamsin fil-mija (50%). L-appellant Pace rrileva illi l-attur stess talab u qabel li kellu jsir tnaqqis bir-rata ta' hamsa u tletin fil-mija (35%) li ghal dan ukoll ta raguni motivata. Quddiem l-ewwel Qorti l-istess appellant kien qabel ma' dan l-ammont u ghalhekk huwa kkritika l-fatt li l-ewwel Qorti ghogobha tiddipartixxi minn dak li qablu dwaru l-atturi u l-istess appellant u cioe` li kellu jsir tnaqqis b'rata ta' hamsa u tletin fil-mija (35%). Din il-Qorti taccetta din il-kritika bhala wahda gusta ghaliex hija kkorroborata bil-kontenut tan-Nota ta' Osservazzjonijiet tal-atturi prezentata fit-8 ta' Novembru 2004 ezattament fol. 288 tal-process. Ghalhekk it-tnaqqis taht dan l-aspett li din il-Qorti sejra taghmel huwa ta' hamsa u tletin fil-mija (35%).

35. L-appellanti kkritikaw is-sentenza appellata in kwantu din ma ghamlet ebda tnaqqis ghall-fatt li l-atturi kienu ser jircievu *lump sum payment,* kif ukoll ghaliex il-Qorti ma naqset xejn dwar l-*income tax* tal-mejjet u anke ma naqsitx il-kontribuzzjoni li kien ser ikollu jaghmel dwar il-bolla tas-sigurta` nazzjonali. Wara li din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jidhrilha li ghandha tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti fir-rigward u ghalhekk l-aggravji relattivi tal-appellanti m'humiex sejrin jintlaqghu minn din il-Qorti.

36. Ghalhekk, fis-sens premess din il-Qorti sejra tilqa' l-appelli tal-konvenuti dwar il-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti u ghalhekk hija waslet ghal *lucrum cessans* li ghandu jigi kalkolat bil-mod segwenti:

30 x Lm4,000 - 50% - 35% = Lm39,000

Liema somma illum hija ekwivalenti ghas-somma ta' disghajn elf, tmien mija u sitta u erbghin Euro (€90,846).

37. It-tliet konvenuti appellanti kkritikaw l-ewwel Qorti, li fis-sentenza appellata, akkordat imghax legali mill-25 ta' Ottubru 2000 fuq is-somma likwidata minnha. Il-kritika taghhom bazikament tikkonsisti fis-sottomissjoni li ebda imghax ma ghandu jiddekorri fuq somma li ma tkunx likwidata u li l-imghax ghandhom jibdew jidekorru minn meta somma tad-danni tigi effettivament likwidata. Enfasizzaw li dan hu aktar u aktar hekk ladarba l-ewwel Qorti ma akkordat l-ebda tnaqqis minhabba l-fatt li kienu ser jithallsu danni kollha f'somma f'daqqa. Din il-Qorti tosserva, pero`, li l-principju *in illiquidis non fit mora* ghandu jigi bilancjat ma', u ezaminat fil-kuntest ta', il-principju l-iehor – mehud ukoll mid-dritt komuni kontinentali – li *lite contestata, usurae currunt*. In fatti, ikun ferm ingust li min ghandu dritt ghal pagament, jibqa' jigi mcahhad mill-kapital bl-imghax li hu seta' ha fuqu minhabba d-dewmien fil-proceduri gudizzjarji li jkun dovut ghall-konvenut. F'din il-kawza, il-konvenuti, quddiem l-ewwel Qorti, kaxkru saqajhom mhux ftit, u ghalhekk kienet gusta l-ewwel Qorti li tiddetermina li l-imghax ghandu jibda jithallas u jkun dovut mil-25 ta' Ottubru 2000.

38. L-appellant Zahra ressaq aggravju iehor fis-sens li l-ewwel Qorti kkundannat lil konvenuti li jhallsu s-somma likwidata minnha in solidum bejniethom, mentri f'parti ohra tas-sentenza hija identifikat il-percentwali tar-responsabbilta` ta' kull wiehed mill-konvenuti. Din il-Qorti mhux sejra tilqa' din il-kritika ghax jidhrilha li l-ewwel Qorti applikat id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili korretament. F'kaz bhal ma huwa dan huwa effettivament difficli hafna li tasal biex tidentifika bi precizjoni matematika r-responsabbilta` ta' kull wiehed mill-konvenuti, li t-tlieta kienu responsabbli ghall-mewt ta' Charles Zammit. Mill-banda l-ohra, l-ewwel Qorti ghamlet sewwa li indikat il-percentwal tar-responsabbilta` ghall-finijiet biss tar-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuti, u dan ovvjament ghamlitu biex tevita il-possibbilta` ta' litigazzjoni ohra bejn il-konvenuti stess, billi offriet soluzzjoni gusta li

tirrifletti, sa certu punt, il-grad tar-responsabbilta` ta’ kull wiehed mill-konvenuti.

39. Ghal dawn il-motivi tilqa’ in parte biss u fis-sens premess l-appelli tat-tliet konvenuti u ghaldaqstant tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-konvenuti jhallsu in solidum bejniethom lill-atturi s-somma ta’ wiehed u sittin elf, tmien mija u hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm61,875) ekwivalenti ghas-somma ta’ mija u erbgha u erbghin elf, mija u tletin Euro (€144,130) u minflok tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu in solidum bejniethom lill-atturi s-somma ta’ Lm39,000 ekwivalenti ghas-somma ta’ (€90,846) disghajn elf, tmien mija u sitta u erbghajn Euro bl-imghax legali mill-25 ta’ Ottubru 2000 sal-effettiv pagament, u tikkonferma l-kumplament kollu kemm hu tas-sentenza appellata.

Fl-ahhar nett, jidhrilha li jkun gust li jkun hemm temperament dwar l-ispejjez ta’ dina l-istanza minhabba li l-appelli tal-konvenuti intlaqghu in parte u ghalhekk tordna li l-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu kwantu ghal 90% (disghajn fil-mija) mill-konvenuti appellanti *in solidum* bejniethom, waqt li r-rimanenti 10% ghandhom jithallsu mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------